



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6346/18

COHOM 28
COPS 46
CONUN 56
COASI 36
MAMA 21
COEST 41
COAFR 46
CFSP/PESC 164
DEVGEN 17

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	26 ta' Frar 2018
lil:	Delegazzjonijiet

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018, adottati mill-Kunsill fit-3598 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Frar 2018.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PRIJORITAJIET TAL-UE FIL-FORA
TAN-NU DWAR ID-DRITTIIJET TAL-BNIEDEM FL-2018**

1. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-impenn lejn id-drittijiet tal-bniedem huwa pilastru ċentrali tal-azzjoni esterna tagħna, kif rifless fl-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà. Il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-multilateraliżmu u pilastru ċentrali tas-sistema tan-NU. Il-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp huma inseparabbli u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. L-Unjoni Ewropea hija u ser tibqa' attur ewlieni fuq dawn it-tliet aspetti.
2. B'mod partikolari fid-dawl tas-70 anniversarju ta' din is-sena tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni Ewropea tappoġġa bis-sħiħ il-wegħda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU li jgħolli l-profil tad-drittijiet tal-bniedem u biex il-prevenzjoni u l-paċi sostenibbli isiru prijorità tas-sistema tan-NU, billi jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-konflitti, inkluż billi jiġu indirizzati l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ttenni wkoll il-pożizzjoni b'saħħitha tagħha, f'konformità mal-25 anniversarju ta' din is-sena tal-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni, li d-drittijiet tal-bniedem kollha huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u relatati ma' xulxin. Barra minn hekk, l-UE tfakkar l-impenn tagħha li timplimenta r-Responsabbiltà ta' Protezzjoni, il-prevenzjoni u t-twaqqif tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-atroċitajiet. Hija tappoġġa d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar it-Tagħlim u t-Taħriġ tad-Drittijiet tal-Bniedem, u titlob lill-istati biex jieħdu azzjoni biex jimplimentawha.
3. L-Unjoni Ewropea tafferma mill-ġdid l-appoġġ qawwi tagħha għall-indipendenza u l-ħidma tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Uffiċċju tiegħu, u s-sistema kollha tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU fl-indirizzar tal-abbużi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' dikjarazzjonijiet u riżoluzzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u tematiċi, kummissjonijiet ta' inkjesta, missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni u l-proċeduri speċjali, l-Eżami Perjodiku Universali, u l-appoġġ attiv lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem kontra l-abbużi jew il-ksur imwettaq minn atturi statali u mhux statali.

4. L-UE tissottolinja li l-membri kollha tan-NU, inkluż il-membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom iżommu l-oġġla standards fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u jikkooperaw bis-siġħ mal-Kunsill u l-mekkaniżmi tiegħu. Hija tafferma mill-ġdid l-appoġġ tagħha għall-funzjonament effettiv u effiċjenti tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) u tibqa' impenjata li tikkoopera mal-pajjiżi kollha u mal-NGOs fi proċess trasparenti u transreġjonali sabiex jissaħħa l-HRC filwaqt li jiġu protetti l-kisbiet tal-Kunsill u bħala parti mill-importanza tad-drittijiet tal-bniedem f'riforma usa' tan-NU.
5. B'mod parallel mal-impenn qawwi tagħha f'fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-Unjoni Ewropea ser tkompli, inkluż permezz tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem u f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentanti Speċjali Reġjonali tal-UE, tagħmel użu siġħ mill-firxa ta' strumenti u politiki disponibbli li jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, inkluż djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-politika tal-UE u d-djalogi u fora bilaterali jew multilaterali oħrajn, l-osservazzjoni elettorali, id-dikjarazzjonijiet pubbliċi, id-diplomazija pubblika, il-finanzjament ta' proġetti u l-azzjoni diplomatika. Ser nilqgħu wkoll progress pożittiv f'pajjiżi sħab, l-iskambju ta' esperjenzi tajbin u Prattiki tajbin dwar id-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, u nkomplu nfittxu djalogu u kooperazzjoni ma' sħab mir-reġjuni kollha.
6. L-UE ser tibqa' impenjata b'mod attiv fl-isforzi internazzjonali biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tiġħ tal-pożizzjoni tan-nisa, u l-avvanz tad-drittijiet tan-nisa bħala kwistjoni ta' prijorità. Hi ser tkompli tfittex l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru fil-ħidma kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Assemblea Ġenerali u fora oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Waqt li jfakkar fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, il-Kunsill jibqa' impenjat favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-eżiti tal-konferenzi tar-rieżami tagħhom u jibqa' impenjat favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, f'dan il-kuntest. L-UE ser tkompli tagħmel sforzi biex timplimenta b'mod effettiv ir-Risoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u risoluzzjonijiet sussegwenti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u ser iżżid l-isforzi biex tipprevjeni u telimina kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet madwar id-dinja.

7. F'din is-sena meta qed niċċelebraw l-20 anniversarju tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni Ewropea tinsab serjament imħassba dwar il-pressjoni dejjem akbar fir-reġjuni kollha kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attakki vjolenti, għajbien sfurzat, prosekuzzjonijiet malizzjużi, sistemi punitivi ta' reġistrazzjoni iżda wkoll restrizzjonijiet fuq ir-riċeviment ta' finanzjament. L-UE ser tkompli tiddefendi bil-qawwa organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiġġieldu favur id-drittijiet tal-bniedem, id-difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bloggers, ġurnalisti, atturi oħra tal-media u avukati tad-drittijiet tal-bniedem. Ser tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji speċifiċi li jiffaċċjaw in-nisa, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem indiġeni u difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż difensuri tad-drittijiet tal-bniedem LGBTI, u lit-theddid multiplu li jiffaċċjaw meta jkunu qed jipproteġu kontra abbużi relatati man-negozju u każijiet li jikkonċernaw id-drittijiet tal-art. L-UE ser tkompli topponi u tikkundanna l-intimidazzjoni, il-fastidju u r-rappreżalji kontra individwi u gruppi li jikkooperaw man-NU, ir-rappreżentanti u l-mekkaniżmi tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u f'dan ir-rigward ittenni l-appoġġ tagħha lill-Assistent Segretarju Ġenerali tan-NU għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż għax-xogħol tiegħu f'dan il-qasam.
8. Il-komunità internazzjonali qatt ma għandha taċċetta l-impunità, meta jseħħu ġenoċidji, reati kontra l-umanità, reati tal-gwerra, jew ksur u abbużi tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk l-UE ser tkompli l-isforzi fit-tul tagħha biex ittemm l-impunità, issaħħaħ ir-responsabbiltà u tappoġġa l-ġustizzja transizzjonali. F'konformità mal-liġi u l-prinċipji umanitarji internazzjonali, il-persuni u l-oġġetti ċivili jgawdu minn protezzjoni ġenerali, m'għandhomx ikunu l-oġġett ta' attakk u l-għajjnuna umanitarja għandha tkun tista' tilħaqhom. Barra minn hekk, partikolarment f'din is-sena meta niċċelebraw is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali, l-UE tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-frekwenza u l-iskala tal-atti ta' qerda ta' wirt kulturali, u timpenja ruħha li tappoġġa l-isforzi u l-inizjattivi rilevanti meħuda f'diversi fora tan-NU biex jiġu enfasizzati dawn l-atti u biex jinstabu modi kif jiġu evitati.

9. L-Unjoni Ewropea ttenni l-appoġġ tagħha għall-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-universalità tal-Istatut ta' Ruma, li din is-sena jaħbat l-20 anniversarju tagħha. Aħna nilqgħu d-deċiżjoni biex tiġi attivata l-ġurisdizzjoni tal-QKI b'rabta mar-reat tal-aggressjoni fil-qafas stabbilit matul l-aħħar Assemblea tal-Istati Partijiet. Il-kooperazzjoni sħiħa tal-Istati Partijiet u l-universalità tal-Qorti huma essenzjali għall-QKI biex twettaq b'mod effiċjenti il-wieġħda tagħha għal ġustizzja reali. F'dan ir-rigward, l-UE jiddispjaċiha profondament dwar l-irtirar mingħajr preċedent tal-Burundi mill-Istatut ta' Ruma.
10. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll sistema b'saħħitha għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kontinent Ewropew, li l-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għandhom jibqgħu l-pedamenti tagħha.
11. L-UE ser tkompli fir-relazzjonijiet esterni kollha tagħha tippromwovi r-rispett għad-diversità permezz tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, inkluż drittijiet li diġà nkisbu, skont in-normi u l-istandards applikabbli tan-NU u l-Kunsill tal-Ewropa.
12. Fl-HRC u fit-Tielet Kumitat tal-AĠNU, l-UE ser tkompli tiggwida l-inizjattivi dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, il-Myanmar/Burma, u l-Burundi. Hija ser tappoġġa l-azzjoni dwar l-Iran, ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment u l-belt ta' Sevastopol (l-Ukrajna), ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u s-Sirja. L-UE ser tkompli tappella lill-istati u lill-partijiet oħra biex jikkooperaw bis-sħiħ mal-mekkaniżmi u l-proċeduri speċjali tal-HRC u biex jagħtuhom aċċess sħiħ, bla kondizzjoni u bla xkiel. Hija ser tkompli titlob li t-twassil ta' għajjnuna li ssalva l-ħajjiet tingħata lill-persuni fil-bżonn, inkluż fil-Jemen, is-Sirja, il-Myanmar/Burma, il-Libja, is-Sudan t'Isfel, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, kif ukoll fl-istrixxa ta' Gaża u ż-żoni tal-Ukrajna mhux ikkontrollati mill-gvern. L-UE ser tinkoraġġixxi li tingħata attenzjoni xierqa fil-fora kollha rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u r-Reġjun ta' Tskhinvali / l-Ossezja tan-Nofsinhar. L-UE ser tkompli titlob it-tmiem immedjat tal-abbużi u l-ksur orribbli tad-drittijiet tal-bniedem, li wħud minnhom jistgħu jitqiesu bħala reati kontra l-umanità, u l-prosekuzzjoni ta' dawk responsabbli fir-RDPK, is-Sirja, il-Myanmar/Burma, il-Burundi, u s-Sudan t'Isfel.

13. L-UE topponi l-piena tal-mewt fiċ-ċirkostanzi kollha u tqis li l-piena tal-mewt tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità umana. Fejn il-piena tal-mewt ġiet abolita nħeġġu lill-gvernijiet biex jipproteġu din il-kisba importanti fil-kostituzzjoni u biex jirratifikaw it-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi. Fejn hemm moratorju fis-seħħ, inħeġġu lill-gvernijiet sabiex jirrispettawh u jagħmlu progress lejn l-abolizzjoni. M'għandu jittieħed l-ebda pass lura. Fejn il-piena tal-mewt għadha teżisti, l-UE tappella biex l-użu tagħha jiġi abolit progressivament u tinsisti li għandha titwettag bir-rispett tal-obbligi minimi internazzjonali. L-UE ser tkompli tikkundanna l-eżekuzzjonijiet b'mod partikolari fil-każ ta' eżekuzzjonijiet tal-massa jew meta l-piena tal-mewt tiġi applikata għal reati mwettqa minn persuni taħt it-18-il sena jew fi ksur ta' standards minimi oħra. B'segwitu għall-appoġġ transreġjonali qawwi għar-riżoluzzjoni dwar moratorju fuq il-piena tal-mewt fl-AĠNU 71, l-UE ser tkompli tappoġġa l-ħidma tan-NU lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt madwar id-dinja, b'mod partikolari fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u waqt l-AĠNU 73.
14. L-UE ser tkompli tkun involuta fil-ġlieda kontra t-tortura u trattamenti jew pjeni oħra krudili, inumani jew degradanti, b'mod partikolari meta jintużaw mill-persunal tal-infurzar tal-liġi u l-forzi tas-sigurtà. L-UE ser tfakkar kif meħtieġ lill-pajjiżi kkonċernati, inkluż is-Sirja, l-Arabja Sawdija, il-Myanmar/Burma, il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Bangladesh u l-Libja dwar l-obbligi tagħhom f'dak ir-rigward. L-UE tibqa' mħassba dwar il-każijiet rapportati ta' maltrattamenti u tortura waqt id-detenzjoni fiċ-Ċina u tappella lill-awtoritajiet biex jinvestigawhom bir-reqqa.

15. L-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li l-għajbien sfurzati u l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji mill-forzi pubbliċi jew privati jiġu investigati fil-pront u b'mod effettiv b'mod imparzjali u trasparenti, li jiżgura li jkun hemm prosekuzzjoni xierqa ta' dawk responsabbli, u tesprimi tħassib dwar każijiet bħal dawn b'mod partikolari fil-Libja, is-Sirja, il-Myanmar/Burma, il-Bangladesh, ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea annessa illegalment u l-belt ta' Sevastopol (l-Ukrajna), iż-żoni kkontrollati mhux governattivi tal-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa, il-Filippini, il-Pakistan, il-Burundi u l-Venezwela.
16. Waqt li tfakkar il-Konklużjonijiet preċedenti tagħha, l-UE ttenni l-kundanna qawwija u inekwivokabbli tagħha tat-terroriżmu fil-forom u l-manifestazzjonijiet kollha tiegħu, irrispettivament minn min wettqu u jkun x'ikun l-iskop. Filwaqt li konxja tal-isfidi serji minħabba t-theddida tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti għall-istabbiltà u s-sigurtà tal-pajjiżi, l-UE tappella lill-istati kollha biex jiżguraw li r-rispons għal reati terroristiċi jittieħed f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati u d-dritt umanitarju internazzjonali. Hija tissottolinja l-importanza tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-vittmi ta' reati terroristiċi.
17. F'konformità mad-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Vjenna, l-UE ser iżomm l-enfasi tagħha dejjem akbar dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, kif ukoll tkompli bl-isforzi tagħha lejn l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, permezz ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, inkluż id-drittijiet tal-bniedem għas-saħħa, l-educazzjoni, l-ikel, l-akkomodazzjoni, ilma tajjeb għax-xorb u s-sanità, u xogħol deċenti, kif ukoll l-iżvilupp u ż-żieda fil-kopertura tal-bażijiet ta' protezzjoni soċjali, u t-tnaqqis tad-disparità bejn is-sessi. Hija ser tappoġġa u tavvanza l-parteċipazzjoni bħala għodda rilevanti għal governanza tajba.

18. L-UE terġa' tafferma li l-forom kollha ta' traffikar ta' bnedmin, inkluż tal-migranti u r-refuġjati, huma ksur u abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem, huma forma ta' kriminalità organizzata, u huma ta' theddida għall-paċi, il-governanza demokratika u l-istat tad-dritt. Hija ser tkompli taħdem b'mod partikolari man-NU u l-Unjoni Afrikana biex ittejjeb il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti u r-refuġjati, fil-Libja u f'pajjiżi oħra.
19. Barra minn hekk, l-UE tissottolinja l-hteġa li tipproteġi b'mod effettiv id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lir-riskji speċifiċi li jiffaċċjaw dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Tfakkar li l-ispustament sfurzat spiss jippreżenta sfidi kumplessi. L-immigrazzjoni irregolari tista' toħloq sfidi kbar u jista' jkollha impatt negattiv fuq il-pajjiżi ta' oriġini, ta' transitu u ta' destinazzjoni. L-UE ser tkompli tissottolinja l-importanza tal-konformità mad-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, iż-żamma tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem, u l-obbligu li jiġu protetti persuni kontra t-traffikar ta' bnedmin u abbużi oħra, u tibqa' soda fl-impenn tagħha li tiggarantixxi d-dritt li wieħed ifittex l-asil. L-UE għadha involuta b'mod sħiħ fid-diskussjonijiet dwar il-Patti Globali tan-NU bbażati fuq id-Dikjarazzjoni tan-NU għar-Refuġjati u l-Migranti ta' Settembru 2016. Hi tirrikonoxxi li l-Istati għandhom dritt sovrani li jiddeterminaw lil minn iħallu jidħol fit-territorju tagħhom u għandhom drittijiet u responsabbiltajiet li jieħdu ħsieb u jikkontrollaw il-fruntieri tagħhom bħala element importanti ta' sigurtà għall-Istati f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tagħhom.
20. L-UE ser tkompli tikkundanna l-każijiet fejn il-libertà u s-sigurtà ta' individwi jew gruppi huma injorati, inkluż sitwazzjonijiet ikkonfermati ta' arresti arbitrarji u detenzjonijiet, kif b'mod partikolari jidher fil-Venezwela, fl-Eritrea, fiċ-Ċina, fit-Turkija, speċjalment wara u mill-attentat ta' kolp ta' stat ta' Lulju 2016, u fit-territorju Palestinjan Okkupat, inkluż arresti arbitrarji mill-Iżrael ta' minorenni Palestinjani..

21. L-UE ser tibqa' sostenitur b'saħħtu tad-drittijiet għal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni offline u online, inkluż għal ġurnalisti u bloggers, u tal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni madwar id-dinja, u tkompli tappella lill-istati inkluż il-Federazzjoni Russa, iċ-Ċina, il-Bahrain, il-Burundi, il-Belarussja, is-Sudan, l-Eġittu, it-Turkija, il-Vjetnam, l-Iran u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo biex jieqfu jirrestrinġu dawn il-libertajiet, japplikaw leġiżlazzjoni sproporzjonata li tillimitahom u jirrestrinġu bla bżonn l-ispazju għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-UE ser tkompli tikkundanna l-qtil, l-atti ta' vjolenza, l-intimidazzjoni u l-fastidju kontra l-ġurnalisti u atturi oħrajn tal-media minn atturi tal-istati u mhux tal-istat.
22. L-UE tappella lill-pajjiżi kollha, inkluż il-Kambodja, il-Venezwela, l-Azerbajġan, l-Etjopja, il-Gabon, it-Togo, il-Federazzjoni Russa, u l-Belarussja biex jirrispettaw l-obbligi tagħhom rigward il-libertajiet politiċi, inkluż id-drittijiet tal-oppożizzjoni politika, id-dritt għal protesta paċifika, id-dritt għal parteċipazzjoni fl-affarijiet pubbliċi u r-rispett għan-normi demokratiċi u l-istat tad-dritt.
23. L-UE ser tkompli tippromwovi l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin għall-persuni kollha, topponi bis-sħiħ l-intolleranza reliġjuża, u tistinka biex persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u minoranzi oħra madwar id-dinja jkollhom protezzjoni akbar kontra d-diskriminazzjoni, l-persekuzzjoni u l-vjolenza. Hija ser issegwi l-inizjattivi tagħha dwar il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-AĠNU b'attenzjoni partikolari fuq l-implimentazzjoni tal-impenji li ttieħdu preċedement. L-UE ser tkompli topponi kull forma ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata madwar id-dinja kollha. Hija ser tkompli tippromwovi l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni f'fora tan-NU u fl-azzjoni esterna tagħha, u tiġġieled kull diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' kwalunkwe raġuni inkluż is-sess, l-orijini razzjali, etnika jew soċjali, ir-reliġjon jew it-tweemmin, l-opinjoni politika jew oħra, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità sesswali.

24. L-UE ser tkompli tieġu inizjattivi dwar ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal f'fora tan-NU, u tinvolvi ruġha ma' aktar membri tan-NU biex tavvanza din il-prijorità, b'mod partikolari l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, inkluż fil-kuntest ta' konflitt armat, tfal li jgħixu fil-faqar, u l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' vjolenza, inkluż il-bullying, u prattiki dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal, dak prekoċi u sfurzat u l-mutilazzjoni ġenitali femminili.
25. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-partijiet ikkonċernati kollha fuq livell globali dwar inizjattivi biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, u biex tippromwovi r-responsabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħtieġa għal rimedju effettiv għall-vittmi kollha tal-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tilqa' opportunitajiet ta' tagħlim bejn il-pari dwar l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida.
-